

32006R0006

6.1.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 3/3

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 6/2006

tal-5 ta' Jannar 2006

Li jemenda l-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistipola proċedura Komunitarja għall-istabbiliment tal-limiti massimi ta' residwu ta' prodotti mediċinali veterinarji fl-ikel li joriġina mill-animali, fir-rigward tad-dihydrostreptomycin, tosylchloramide sodium u l-Piceae turiones recentes extractum

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għall-iffissar tal-limiti massimi ta' residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji fi prodotti tal-ikel ta' oriġini mill-animali¹, u b'mod partikulari l-Artikoli 2 u 3 tiegħi,

Wara li kkunsidrat l-opinjonijiet tal-Аġenzija Ewropea tal-Mediċini fformulati mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

- (1) Kull sustanza attiva farmakoloġikament li tintuża fil-Komunità fil-prodotti mediċinali veterinarji maħsuba biex jingħataw lill-animali li jipproduċu l-ikel għandhom jiġu evalwati skont ir-Regolament (KEE) Nru 2377/90.
- (2) Id-dihydrostreptomycin ġie inkluż fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 għall-ispeċi bovni u ovini, fil-każ tal-prodotti tal-muskoli, tax-xaħam, tal-fwied, tal-kliewi u tal-ħalib, u għall-ispeċi porċini fil-każ tal-prodotti tal-muskoli, tal-fwied, tal-kliewi u tal-ġilda u x-xaħam fi proporzjonijiet naturali. Din għandha tiġi estiżha mill-ispeċi bovni u ovini għall-bhejjem li jixtarri kollha.
- (3) It-tosylchloramide ġie inkluż fl-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 għall-użu fl-ilma biss għall-ħut u għall-użu topiku biss fil-bovni. Din in-nota għandha tiġi estiżha mill-ispeċi bovni u ovini għall-Equidae għall-użu topiku biss.

¹ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1911/2005 (ĠU L 305, 24.II.2005, p. 30).

- (4) Tressqet applikazzjoni għall-iffissar tal-limiti massimi ta' residwi għall-*Piceae turiones recentes extractum*. Din is-sustanza għandha tiġi inkluża fl-Anness II ta' dak ir-Regolament għal kull speċi li tipproduċi l-ikel għall-użu orali biss.
- (5) Ir-Regolament (KEE) Nru 2377/90 għandu jiġi emendat skont dan.
- (6) Perjodu xieraq għandu jiġi permess qabel l-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament sabiex jippermetti lill-Istati Membri jagħmlu kull arranġament li jista' jkun meħtieġ fid-dawl ta' dan ir-Regolament lill-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq li ngħataw skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji².
- (7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma emendati skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mis-7 ta' Marzu 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmulu fi Brussell, nhar il-5 ta' Jannar 2006.

Għall-Kummissjoni

Günter VERHEUGEN

Viċi-President

² ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/28/KE (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 58).

ANNESS

A. Is-sustanza msemmija hawn taħt hija inkluża fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90:

1. Aġenti kontra l-infezzjoni

1.2. Antibijotiċi

1.2.10. Aminoglikoċidi

Sustanzi attivi farmakoloġikament	Residwu markatur	L-ispeċi tal-annimali	MRLs	Tessuti kkonċernati
<i>Dihydrostreptomycin</i>	<i>Dihydrostreptomycin</i>	bhejjem li jixtarru kollha	500 µg/kg	Muskoli
			500 µg/kg	Xaħam
			500 µg/kg	Fwied
			1000 µg/kg	Kliewi
			200 µg/kg	Ħalib

B. Is-sustanzi li ġejjin huma inklużi fl-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90:

2. Komposti Organiċi

Sustanza(i) attivi farmakoloġikament	L-ispeċi tal-annimali
<i>Tosylchloramide sodium</i>	Equidae ³

6. Sustanzi ta' oriġini veġetali

Sustanza(i) attivi farmakoloġikament	L-ispeċi tal-annimali
<i>Piceae turiones recentes extractum</i>	Kull speċi li tiproduċi l-ikel ⁴

³ Għall-użu topiku biss.

⁴ Għall-użu orali biss.